MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
AUDREY DEMICOLI**

Seduta tal-21 ta' Marzu, 2003

Talba Numru. 307/2003

**Harpers Limited**

**vs**

**Albert Xerri**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fil-5 ta' Frar, 2003, fejn gie mitlub li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' disgha u hamsin lira Maltin u sitta u sebghin centezmu (Lm59.76) rappresentanti bilanc ta' prezz ta' merkanzija mibjugha ukkonsenjata lill-konvenut.
Bl-ispejjes u bl-interessi legali mid—data tal-konsenja kontra l-konvenut.

Ra li l-konvenut ghalkemm deher fis-seduta tat-28 ta' Frar 2003 fejn informa lit-Tribunal li kien qed jikkontesta t-talbiet attrici u kien ser jipprezenta risposta fir-Registru,

baqa’ ma deherx fis-seduti sussegwenti u l-anqas ma prezenta risposta.

Sema' x-xhieda ta’ Karl Briffa in rappresentanza tas-socjeta’ attrici, li kkonferma li l-ammont mitlub fl-Avviz ghadu dovut. Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta’ attrici is-somma ta’ disgha u hamsin lira Maltin u sitta u sebghin centezmu (Lm59.76), bl-imghaxijiet legali pagabbli mid-data tal-prezentata tal-Avviz sal-hlas effettiv.

L-ispejjes ta' dina l-istanza ghandhom jigu sopportati nterament mill-konvenut skond il-Ligi.

--------------------------------TMIEM--------------------------------